2 ta' Frar, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Abraham Gatt

**Ksur ta' l-Ordni Publiku — Traffiku — Art. 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-ksur ta' l-ordni publiku jikkonsisti f'xi fatt li jneħħi jew inaqqas fiċ-ċittadini l-opinjoni tas-sikurezza publika jew individwali, u b'hekk jinvjola l-bwon ordni.*

*Il-fatt li driver ta' char-a-banc ma jagħmelx it-"trips" kollha li jmissu jagħmel skond ir-"roster" mingħajr ma jagħti avviż ma jikkostitwix ksur tal-bwon ordni publiku, avvolja dak il-fatt jikkrea disgwid kbir fit-traffiku; għax dak il-fatt ma jistax jiġi kwalifikat bħala att li għandu mill-vjolenza, jew li jiskwoti l-opinjoni tas-sikurezza publika jew individwali, jew li jista jġib għal reati oħra kontra l-persuni.*

L-imsemmi Gatt ġie mġjub quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fit-28 ta' Awissu 1947, waqt li kien jaħdem ta' driver fix-char-a-banc numru 3240, naqas li jagħmel diversi "trips" mill-Ħamrun għall-Belt skond ir-"roster";

Bis-sentenza tagħha tad-29 ta' Ottubru 1947, dik il-Qorti ma sabitx illi l-imputat kien ħati ta' l-imputazzjoni kontra tiegħu dedotta fiċ-ċitazzjoni, u lliberatu minnha; iżda sabitu ħati ta' imputazzjoni oħra, li hi rriteniet involuta, dik,

ċjoè, illi hu ddisturba volontarjament l-bwon ordni publiku, u kkundannatu għal ammenda ta' 5s;

L-imputat appella;

Wara li semgħet il-provi u t-trattazzjoni, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-Maġistrat, fuq il-fatti kif apprezzabom hu, irritjena illi l-imputat ma kienx għamel it-"trips" in kwistjoni, għaliex veramenṫ kienet ġratlu ħsara fil-karrozza tiegħu, u għalhekk l-imputazzjoni originali eskludiha. Però l-Maġistrat irritjena li l-imputat kien naqas li jagħti avviż tal-ħsara, u b'hekk ikkrea disgwid kbir fit-traffiku, u per konsegwenza l-Maġistrat irritjena illi l-imputat kien kiser id-dispożizzjoni ta' l-art. 352 (bb) Kap. 12, li jikkontempla l-fatt ta' min, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi, jikser volontarjament il-bwon ordni;

Issa, apparti l-kwistjoni jekk l-imputat naqas jew le li jagħti l-avviż, hu ċert li, ankorkè naqas li jagħti dan l-avviż tal-ħsara tal-karrozza, u b'hekk ħarbat l-andament tat-traffiku, hu ma kiserx id-dispożizzjoni msemmija mill-Ewwel Qorti;

Dik il-kontravvenzjoni tikkonsisti f'xi fatt li jneħħi jew inaqqas fiċ-ċittadini l-opinjoni tas-sikurezza publika jew individwali, u b'hekk jivvjola l-bwon ordni. L-inċiż in kwistjoni jikkontempla xi fatt ta' natura pjù o menò vjolenti, li jiġi kommess taħt ċirkustanzi tali li, direttament jew indirettament, jista' jikkonduċi għal reati oħra kontra l-persuni (ara sentenza ta' din il-Qorti, "Polizia vs. Bugeja et.", 10 ta' Ġunju 1890);

Issa, anki jekk l-imputat naqas li jagħti avviż tal-ħsara fil-karrozza, dan ċertament ma jistax jiġi kwalifikat bħala att li, anki bħala "proxime accessit", għandu mill-vjolenza, jew bħala att li jiskwoti l-opinjoni tas-sikurezza publika jew individwali jew li jista' jġib għal reati oħra kontra l-persuni;

Għalhekk l-appell hu milqugħ, is-sentenza appellata mħassra, l-imputat dikjarat mhux ħati u liberat.